**10 ta' Lulju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Patrick Vella B.A., LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law)**

Il-Pulizija

*versus*

Alfred Custo

**Truffa - Stqarrija**

*Ir-reat ta' truffa, taħt in-nomenklatura ta'* escroquirie, *ġie partikolarment studjat mid-dottrina Franċiża, u l-Carrara ifaħħar dawn l-istudji. Sabiex jikkonkorri dan ir-reat, skond dik id-duttrina, jeħtieġ li jkun hemm mhux biss is-sempliċi* parole menzogniere, *iżda anke il-*mise-en-scene, *li tagħti l-kreditu lil dawk il-kliem ta' gideb u ngann. Huwa neċessarju għalhekk illi jiġi ppruvat li l-*buona fede *tal-vittma tiġi sorpriża b'dan l-*

*artifizju jew kwalifiki foloz, bħalma huma ismijiet foloz.*

*Stqarrijiet ta' xhud tista' tintuża biss għall-fini ta' kontroll ta' dak ix-xhud minħabba l-kredibilità tiegħu. Il-Qorti m'għandhiex tippermetti li tinqara l-istqarrija tiegħu u jiġi mistoqsi biex jikkonfermaha bil-ġurament. Il-proċedura għandha tkun li l-prosekuzzjoni issaqsih domandi a bażi ta' dak li kien qal fl-istqarrija mingħajr ma taqrahielu u meta tlesti mill-eżami ta' dan ix-xhud, l-istqarrija tista' tiġi esebita u, il-Qorti tkun tista' tiġbed il-konklużjonijiet tagħha.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-22 ta' Mejju, 1997 fejn sabet il-ħtija fuq Alfred Custo dwar frodi aggravat skond l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali u ta' qligħ b'qerq skond l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali, reat kontinwat u t-tieni kompriż fl-ewwel, u bħala piena Alfred Custo ġie kkundannat għall-priġunerija għal żmien sitt xhur sospiżi għal sentejn;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Alfred Custo li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena;

Illi l-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti f'dan li ġej:

Dwar il-liġi:

Dwar il-liġi taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali:

L-appellant jissottometti li għal dan ir-reat jeħtieġ li jiġu ppruvati l-elementi tiegħu, li ċertament mhux sempliċement il-qligħ b'dannu ta' ħaddieħor. Is-sentenza bl-ebda mod ma toħroġ

dan l-element. Kellha tiġi ppruvata bħala element tar-reat il-messa in xena, element essenzjali u indispensabbli għal tali reat;

Dwar il-liġi tal-provi:

Il-Qorti ma setgħetx taċċetta bħala xhud kredibbli lil Emanuel Briffa. Kienet l-istess prosekuzzjoni li b'verbal attakkat il-kredibilità tiegħu. Ma tistax wara l-istess *prosekuzzjoni tpoġġih fuq pedestall u tgħid li hu* x-xhud kredibbli, u bħalha tgħid il-Qorti;

Mhux regolari li xhud jiġi aċċettat għaliex jikkonferma l-i*statement* li jkun għamel, u dan hu prinċipju fondamentali, imdaħħal fil-Kostituzzjoni. Ma hemm l-ebda verbal li d-difiża kienet qed taqbel li dan isir. Però mbagħad fil-kontro-eżami aċċetta li ma kienx hemm messa in xena;

*Skond ir-regoli tal-proċedura, u l-ġurisprudenza Ingliża in* materja, xhud li jkun inkonsistenti ma jistax jibqa' aċċettat bħala xhud kredibbli. Issir referenza għad-diversi każi msemmija fil-*Cross on Evidence* in materja:

Dwar il-preskrizzjoni:

L-appellant jissottometti mingħajr preġudizzju, li kien hemm il-preskrizzjoni fuq it-tieni reat tal-qligħ b'qerq. Il-Qorti qalet li kien kompriż u involut. Fil-fatt jekk ma tirriżultax il-frodi, għaliex kien jonqos l-element tal-mezzi kontra l-liġi, u l-prosekuzzjoni kellha taqa' fuq il-qligħ b'qerq, kien hemm ċertament il-preskrizzjoni, li kienet ta' sentejn;

Dwar il-fatti:

dan l-element. Kellha tiġi ppruvata bħala element tar-reat il-messa in xena, element essenzjali u indispensabbli għal tali reat;

Dwar il-liġi tal-provi:

Il-Qorti ma setgħetx taċċetta bħala xhud kredibbli lil Emanuel Briffa. Kienet l-istess prosekuzzjoni li b'verbal attakkat il-kredibilità tiegħu. Ma tistax wara l-istess prosekuzzjoni tpoġġih fuq pedestall u tgħid li hu x-xhud kredibbli, u bħalha tgħid il-Qorti;

Mhux regolari li xhud jiġi aċċettat għaliex jikkonferma l-i*statement* li jkun għamel, u dan hu prinċipju fondamentali, imdaħħal fil-Kostituzzjoni. Ma hemm l-ebda verbal li d-difiża kienet qed taqbel li dan isir. Però mbagħad fil-kontro-eżami aċċetta li ma kienx hemm messa in xena;

Skond ir-regoli tal-proċedura, u l-ġurisprudenza Ingliża in materja, xhud li jkun inkonsistenti ma jistax jibqa' aċċettat bħala xhud kredibbli. Issir referenza għad-diversi każi msemmija fil-*Cross on Evidence* in materja:

Dwar il-preskrizzjoni:

L-appellant jissottometti mingħajr preġudizzju, li kien hemm il-preskrizzjoni fuq it-tieni reat tal-qligħ b'qerq. Il-Qorti qalet li kien kompriż u involut. Fil-fatt jekk ma tirriżultax il-frodi, għaliex kien jonqos l-element tal-mezzi kontra l-liġi, u l-prosekuzzjoni kellha taqa' fuq il-qligħ b'qerq, kien hemm *ċertament il-preskrizzjoni, li kienet ta' sentejn;*

Dwar il-fatti:

L-appellant però jissottometti li hu kellu jiġi lliberat fuq il-meritu;

Dwar piena:

L-appellant jissottometti li ma kellux jiġi assoġġettat għal ebda piena;

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti u l-atti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fi ftit kliem l-aggravji kollha ta' l-appellant jistgħu jinġabru hekk:

Illi l-elementi kollha rikjest mil-liġi għar-reat ta' frodi, a terminu ta' l-artikolu 308 tal-Kap. 9, ma jirriżultax u għalhekk l-appellant qatt ma seta' jiġi misjub ħati ta' dan ir-reat;

Ix-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni, Emanuel Briffa, mhux kredibbli u hu persuna li ma tagħtix affidament;

Dwar it-tieni akkuża, a terminu ta' l-artikolu 309 tal-Kap. 9, din l-akkuża hija prskritta bit-terminu ta' sentejn;

Illi għalhekk l-appellant ma kellux jinstab ħati u ma kellhiex tiġi inflitta piena fuqu;

Illi dwar l-ewwel aggravji, l-appellant isostni li ma ġiex ippruvat l-element tal-messa in xena. Fil-fatt il-Qorti taqbel li

dan hu element essenzjali ta' dan ir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9. Kif dejjem ġie ritenut, fir-reat ta' frodi, mhix biżżejjed il-gidba, iżda jenħtieġ li dik il-gidba tkun akkreditata b'xi apparat, ossia *mise-en-scene*. Din il-Qorti ser iżżid dawn ir-riflessi:

Ir-reat ta' truffa, taħt in-nomenklatura ta' escroquirie, ġie partikolarment studjat mid-dottrina Franċiża, u l-istess Carrara (Parte Speċjali, Vol. IV, para. 2345) ifaħħar dawn l-istudji. Sabiex jikkonkorri dan ir-reat, skond dik id-duttrina, jeħtieġ li jkun hemm mhux biss is-sempliċi *parole menzognere*, iżda anke il-*mise-en-scene*, li tagħti l-kreditu lil dawk il-kliem ta' gideb u ingann. Huwa neċessarju għalhekk illi jiġi ppruvat li l-buona fede tal-vittma tiġi sorpriża b'dan l-artifizju, jew kwalifiki foloz, bħal ma huma ismijiet foloz;

Fil-fatt l-elementi essenzjali ta' dan ir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, huma att li bih tiġi murija ħaġa b'oħra, magħmul bi skop li jġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' krediti immaġinarji, u li permezz tiegħu l-aġent jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor. Dan l-att imsemmi huwa l-messa in xena. Carrara jiddefinih bħala "*il-fine immediato dell'agente ad indurre altri a spogliarsi di una proprietà. Il-risultato l'evento nel quale consiste la consumazione del malefizio è la consegna della cosa ottenutasi mercè la frode del proprietario igannato*";

Għalhekk l-ewwel element hu din il-messa in xena li biha wieħed juri ħaġa b'oħra;

It-tieni element tal-fordi hu l-mens rea, ċjoè l-att volut ta' l-aġent u predeterminat sabiex iġiegħel lil ħaddieħor jemmen l-eżistenza ta' kreditu immaġinarju;

It-tielet u l-aħħar element hu l-element tal-qligħ bi ħsara

ta' ħaddieħor;

Illi għalhekk wieħed irid jara jekk l-aġir ta' l-appellant fil-każ odjern jinkwadrax ruħu taħt dawn *il-tlett elementi kollha* flimkien;

Sabiex tasal għal dan, din il-Qorti kellha bilfors tagħmel valutazzjoni tal-provi;

Minn dan l-eżami li sar, il-Qorti tinnota li fil-fatt jonqsu żewġ elementi tar-reat ta' truffa hawnhekk. Jiġi rrilevat hawnhekk li sabiex l-Ewwel Qorti waslet biex issib lill-appellant ħati ta' truffa, hi skartat kompletament dak li kien xehed quddiemha, fl-ewwel okkażjoni Emanuel Briffa, u minflok straħet kompletament fuq is-suppost xhieda tiegħu fit-tieni okkażjoni;

Illi wieħed mill-aggravji ta' l-appellant jikkonċerna proprju dan il-fatt, u hawn mill-ewwel din il-Qorti trid tgħid li l-appellant għandu raġun. X'kienet din it-tieni okkażjoni li xehed Brifa u li fuqha qagħdet kompletament l-Ewwel Qorti? F'din it-tieni okkażjoni reġa' ttella' biex jixhed dan Brifa, iżda jirriżulta li dan, minflok ma xehed b'mod spontanju, bis-sistema ta' domanda u tweġiba, inqratlu stqarrija li hu, bħala xhud, kien irrilaxxja lil Pulizija dwar il-każ, żmien qabel, u ntalab biex jikkonfermaha bil-ġurament. Din l-istqarrija ġiet esebita fl-atti. Din hi proċedura ssolutament irregolari u kontra l-liġi. Stqarrija ta' xhud *tista' tintuża biss għall-fini ta' kontroll ta' dak* ix-xhud minħabba l-kredibilità tiegħu. Dan kien xhud tal-prosekuzzjoni u din *qatt ma setgħet* u *l-Ewwel Qorti qatt ma kellha tippermetti*, li tinqralu l-istqarrija tiegħu u jiġi mistoqsi biex jikkonfermaha bil-ġurament. Il-proċedura *kellha tkun li l-prosekuzzjoni ssaqsih* domandi, a bażi ta' dak li kien qalilha fl-istqarrija, mingħajr ma taqrahielu, u dan biex *tikkontrolla l-veraċità tiegħu. Wara li*

jkun lest mill-eżami tiegħu, il-prosekutur jista' jesebixxi l-istqarrija u dan isir biex il-Qorti tkun tista' tiġbed il-konklużjonijiet tagħha dwar il-kredibilità tax-xhud. F'dan il-każ hija l-prosekuzzjoni stess li, b'mod irregolari, riedet tattakka l-krediblit ta' xhud tagħha stess;

Għalhekk, ix-xhieda ta' Briffa kif inġabret f'din it-tieni okkażjoni mhix proċeduralment aċċettabbli u għandha tiġi skartata;

Dan ifisser għalhekk li hi l-ewwel xiehda tiegħu li hi ammissibbli bħala prova, u hi minn din ix-xhieda li wieħed jista' jara l-għaliex din il-Qorti ġà qalet li fl-aġir ta' l-appellant hemm żewġ elementi neqsin biex jissussisti r-reat ta' truffa;

Ċertament mix-xiehda ta' Briffa, kif ukoll mix-xiehda ta' l-appellant, u l-istqarrija tiegħu, dak li qed jiġi allegat li għamel l-appellant ma jirriżultax li sar. Mix-xiehda ta' Briffa biss, jirriżulta evidenti li qatt ma kien hemm xi messa in xena da parti ta' l-appellant. Anzi lanqas xi forma ta' gideb ma kien hemm. Barra minn hekk lanqas ma tirriżulta xi forma ta' *mens rea* li biha Custo ried jinganna lil Briffa. Briffa stess jgħid li kull ma għamel l-appellant kien li tah parir biex imur jirreġistra għax-xogħol, u xejn aktar. Briffa jgħid li l-appellant qatt ma talbu flus u kien hu biss minn jeddu li kien ta flus lill-appellant l-għaliex kien ħassu obbligat lejh tal-parir li kien tah u li in segwitu kien sab ix-xogħol. Minn imkien ma jirriżulta li l-appellant kien ta l-impressjoni lil Briffa li seta' jirranġalu għax-xogħol. Kull ma qallu kien parir biex imur jirreġistra. Fejn hu l-ingann, il-messa in xena, it-turija ta' ħaġa b'oħra, l-eżistenza ta' krediti immaġinarji, l-artifizju falz?

Għalhekk hu ċar li l-appellant għandu raġun fl-aggravji tiegħu A u B;

Dwar l-aggravju l-ieħor, ċjoè, ir-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9, li l-Ewwel Qorti qalet li hu involut u kompriż fir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, ġaladarba għal din il-Qorti mhix qed tirriżulta l-ewwel akkuża, għall-istess raġunijiet u nuqqas ta' elementi essenzjali, ingann, *mens rea*, eċċetra, mhux qed jirriżultalha dan ir-reat ukoll taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9, u dan apparti l-fatt li tali akkuża hija preskritta bit-terminu ta' sentejn stante li l-piena hi waħda ta' multa jew priġunerija minn xahar sa tliet xhur. L-allegat reat sar fl-14 ta' Ottubru, 1991, u fix-xhur ta' wara, u l-appellant tressaq il-Qorti fl-4 ta' Ġunju, 1996;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' Alfred Custo, tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata, u tilliberah minn kull piena u ħtija.